**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Settembru 2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Harvin Vassallo**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Joseph Galea tal-4 ta' Settembru 2023, fejn espona:

Illi permezz ta' sentenza datata tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), din l-Onorabbli Qorti sabet lil Harvin Vassallo detentur tal-karta tal-identita bin-numru 319589(M) hati taht l-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u gie kkundannat ghal piena karcerarja ta' sentejn illi giet sospiza ghal erba' (4) snin ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali. Kopja ta' din is-sentenza giet annessa ma' dan ir-rikors u mmarkata Dok A

Illi oltre dan, din l-Onorabbli Qorti harget ordni ta' pagament kontra l-imputat ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur tal-vittma u cioe r-rikorrenti Joseph Galea sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza *"s-somma ta' sebat elef sitt mija u*

*ghoxrin ewro (€7,620) lil Joseph Galea, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' elf u tlett mitt ewroo (€1,300), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mit-13 ta' Lulju 2023, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih"* (enfasi mizjuda mir-rikorrent)

Illi din is-sentenza ma gietx appellata u ghalhekk ghaddiet in gudikat.

Illi l-imputat jinsab moruz f'zewg pagamenti u cioe dak tat-13 ta' Lulju tas-sena 2023 u tat-13 ta' Awwissu tas-sena 2023, b'dan illi l-ammont ta' €7,620 illum huwa kollu dovut.

Illi in vista tal-inadempjenza da parti tal-hati Harvin Vassallo li jikkonforma ruhu mad-direttiva ta' hlas u naqas milli jirrestitwixxi s-somma ta' €7,620.00 fl-intier taghha, jew altrimenti b'pagamenti mensili bir-rata ta' €1,300, hekk kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrenti ipprezenta dan ir-rikors mahluf sabiex jitlob lil Qorti joghgobha tipprocedi kif hemm mahsub fis-subartikoli (5) u (6) tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti suesposti, ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti joghgobha tappunta dan ir-rikors ghas-smigh sabiex jinstemghu il-partijiet kollha koncernati ai termini tas-subartikli (5) u (6) tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha meqjusa xierqa u opportuni.

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-atti tal-proceduri tal-kumpilazzjoni numru 318/2021 fil-konfront ta' Harvin Vassallo.

3. Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Dicembru 2023, li permezz tieghu din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 28H(6) tal-Kodici Kriminali ikkoncediet lil hati zmien iehor perentorju ta' xahar mid-data tad-digriet sabiex ihallas lil Joseph Galea l-ammont ta' sebat eleft sitt mija u ghoxrin Euro (€7,620).

4. Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Permezz ta' sentenza datata tat-12 ta' Gunju 2023, din il-Qorti sabet lil Harvin Vassallo hati ta' misapproprjazzjoni, u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn illi giet sospiza ghal erba' (4) snin ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali. In oltre, din il-Qorti ordnat lill-hati ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali sabiex jirrispostitwixxi lill-parti offiza, Joseph Galea, is-somma ta' €7,620, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H(3) tal-Kodici Kriminali din is-somma setghet tigi mhallsa b'rati mensili u konsekuttivi ta' elf u tlett mitt Ewro (€1,300), b'dan li l-ewwel pagament kien dovut sa mhux aktar tard mit-13 ta' Lulju 2023, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih.

6. Fit-3 ta' Settembru 2023, Joseph Galea ipprezenta rikors guramentat fejn fih ippremetta li l-hati kien moruz f'zewg pagamenti, u ghalhekk talab lil din il-Qorti tipprocedi kif mahsub fis-subincizi (5) u (6) tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali.

7. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2023, Joseph Galea rega' ikkonferma bil-gurament tieghu li l-hati ghadu ma hallsu xejn mill-ammont lilu dovut.

8. Peress li d-difiza iddikjarat li l-hati lest li jhallas l-ammont intier fi zmien xahar minn dak in-nhar tas-seduta, il-Qorti laqghet it-talba u ai termini tal-Artikolu 28H(6) tal-Kodici Kriminali tat lill-hati zmien iehor perentorju ta' xahar sabiex ihallas l-ammont minnu dovut lil Joseph Galea.

9. Pero kif jirrizulta mid-diversi verbali tat-tminn (8) seduti ta' wara, il-hati mhux biss ma hallasx l-ammont minnu dovut fl-intier tieghu, izda naqas li jattendi l-Qorti ghas-seduti u ma setghax jigi rintraccat mill-Pulizija.

10. Fil-verbal tas-seduta tal-4 ta' Settembru 2024, wara li il-hati tressaq il-Qorti taht arrest, il-partijiet iddikjaraw li jaqblu illi sa dak in-nhar huwa ma hallasx l-ammont kollu minnu dovut ta' €7,620, imma hallas biss parti zghira hafna.

11. Ghaldaqstant, huwa car, li l-hati naqas li jottempera ruhu mal-ordni ta' din il-Qorti moghti taht l-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali.

**Konkluzjoni**

12. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikolu 28H(5) u (6) tal-Kodici Kriminali, issib li Harvin Vassallo naqas li jikkonforma ruhu mal-ordni ta' din il-Qorti mahrug ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali u moghti fis-sentenza fl-ismijiet premessi deciza fit-12 ta' Gunju 2023.

2. Konsegwentement tordna li l-piena karcerarja ta' sentejn (2) sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin moghtija permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet premessi tat-12 ta' Gunju 2023 tigi reza operattiva, b'dan li ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**